TRIBUNAL GHAL TALBIET TAL-KONSUMATUR

CONSUMER CLAIMS TRIBUNAL

MALTA

CCT/214/13/S

Marica Newbould
Vs
Future Focus Limited

Illum 24 t'April,2014.

It-Tribunal,

Ra t-talba ta' Marica Newbould epprezentata fis-26 ta'Settembru,2013 u r-risposta tas-socjeta Future Focus Limited epprezentata fil-15 t'Ottubru,2013;

Ra d-dokumenti pprezentati, sema' lill-partijiet u t-trattazzjoni taghhom maghmula fit-28 ta'Frar,2014;

Ikkunsidra

Illi fi ftit kliem din il-pendenza tirrigwarda kors segwit fis-sena 2004 li kellu jkun f'livell ta' "A level" pero din il-kwalifika ma kinitx rikonoxxuta Malta bil-konsegwenza li ma setghetx tuzaha fl-applikazzjoni ghal xi postijiet tax-xoghol;

Illi min-naha taghha is-socjeta intimata eccepiet li fis-sena 2004 ma kienx ghadu twaqqaf il-Kunsill ta'Malta dwar il-Kwalifiki u ghalhekk is-socjeta intimata ma setghetx tiggarantixxi li l-kwalifika ottenuta mir-rikorrenti tigi rikonoxxuta mill-Kunsill gja msemmi;

Illi l-partijiet qablu kwazi fuq il-fatti kollha msemmija fix-xhieda rispettivi pero dan it-Tribunal irid jara jekk dak miftiehem bejn il-partijiet giex esegwit;

Illi hija responsabilita ta' dak li jkun se jixtri prodott jew servizz li jara sew li dak li se jixtri hu dak li effettivament ghandu bzonn jew jixtieq;

Illi jidher bic-car li dan ma sarx mir-rikorrenti anki ghax il-Kunsill ta'Malta dwar il-Kwalifiki kien ghadu ma giex stabbilit;

Illi min-naha l-ohra jidher li l-entita li harget ic-certifikat u cioe il-Cambridge International College, lanqas biss hi rikonoxxuta mill-'Office of the Qualifications and Examinations Regulator' li hi l-awtorita ingliza li tirrikonoxxi l-kwalifiki;[1]

Illi dan it-Tribunal ihoss li tali informazzjoni kellha tinghata lir-rikorrenti biex tkun f'pozizzjoni cara biex tiddeciedi jekk tihux tali kors jew le;

Illi hafna drabi persuna ssegwi kors biex tuzah fl-ambitu tax-xoghol u r-rikoxximent ta' kwalifiki hu essenzjali f'dan ir-rigward;

Illi kulmin qieghed fil-qasam tal-edukazzjoni bhas-socjeta intimata ghandu jaghti informazzjoni cara, dettaljata u korretta dwar x'ikopri kors u ghalxiex jista' jintuza'. B'hekk il-konsumatur ikun f'pozizzjoni li jaghmel decizjoni infurmata;

[1] Ara xhieda ta' Dr.Edel Cassar moghtija fit-28 ta'Frar,2014.

Illi mill-provi prodotti, jirrizulta li t-talba ta' Marica Newbould ghalkemm gustifikata kif fuq inghad, ma tistax tintlaqa' u dan minhabba z-zmien li ghadda minn mindu gie segwit il-kors u dan skont l-artikolu 67(2) tal-Kap 378 tal-Ligijiet ta'Malta;

Ghaldaqstant ghar-ragunijiet fuq spjegati u fic-cirkostanzi tal-kaz u wara li ra l-Kap 378 tal-Ligijiet ta'Malta, it-Tribunal Jaqta' u Jiddeciedi billi Jichad it-talba ta' Marica Newbould filwaqt li Jilqa' l-eccezzjonijiet tas-socjeta Future Focus Limited, b'kull parti thallas l-ispejjez taghha ta' dawn il-proceduri.

Richard Sladden Av.
Arbitru